MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## JOSEPH R. MICALLEF

Seduta tat-22 ta' Ottubru, 2009

Citazzjoni Numru. 1226/2008

**Carmel Fiorentino,** bhala prokuratur ghan-nom u in rappresentanza ta’ l-assenti Dr. Mark Fiorentino u Andrew Psaila bhala prokuratur ghan-nom u in rappresentanza ta’ l-assenti bintu Dr Lisa Marie Fiorentino mart l-istess Dr Mark Fiorentino

**vs**

**TOWER MANOR LIMITED** (C-30168)

Il-Qorti,

Rat ir-Rikors Mahluf imressaq fis-10 ta’ Dicembru, 2008, li bih u ghar-ragunijiet hemm imfissra r-rikorrenti talbu li din il-Qorti:

(1) Tiddikjara li s-socjeta ntimata hija debitrici lejn ir-rikorrenti bhala hlas ta' penali ghal xogholijiet mhux ezegwiti fiz-zmien pattwiet fl-ammont ta' mitejn tnejn u tletin Ewro u tlieta u disghin centezmu (€232.93) ghal kull gurnata li hija ilha inadempjenti, u li jammonta ghal mija erbgha u sittin jum (164) ammontanti ghal tmienja u tletin elf u mitejn Ewro u tnejn u hamsin centezmu ta' l-Ewro (€ 38,200.52c) ghal perjodu mit-29 ta' Gunju, 2008 sad-9 ta' Dicembru, 2008;

(2) Tordna lis-socjeta ntimata thallas lir-rikorrenti l-ammont ta' tmienja u tletin elf u mitejn Ewro u tnejn u hamsin centezmu ta' l-Ewro (€38,200.52c) fi zmien qasir u perentorju;

(3) Bl-imghax u bl-ispejjez kontra s-socjeta ntimata.

Rat illi r-rikors gie debitament notifikat lis-socjeta' intimata li naqset li tipprezenta Risposta fiz-zmien moghti lilha mil-ligi kif ukoll milli tidher jew tkun rapprezentata waqt is-smigh, u hekk baqghet kontumaci;

Semghet l-Avukat tar-rikorrenti waqt is-smigh tal-lum;

Ezaminat l-atti tar-rikors;

Billi mill-provi mhux kontradetti, it-talbiet dedotti fir-Rikors jirrizultaw pruvati.

Fil-kontumacja tas-socjeta' intimata tiddeciedi billi :

**Tilqa' t-talbiet tar-rikorrenti** kif dedotti tar-Rikors Mahluf u qieghda tikkundanna lill-kumpannija intimata thallas lill-atturi s-somma ta' €38,200.52 bhala penali dovuti lilhom

ghaz-zmien fuq imsemmi, flimkien mal-imghaxijiet legali fuq l-imsemmija somma li ghandhom jibdew jghaddu b'effett mit-12 ta' Mejju, 2009, sal jum tal-hlas effettiv.

**Tikkundanna lill-kumpannija intimate,** thallas ukoll l-ispejjez tal-kawza.

**Moqrija**

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM--------------------------------